MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 1996/1996/1

**Fl-atti tal-kawza Citazzjoni numru**
**1996/96 GV fl-ismijiet:**

**Blye Engineering Company Limited**

**v.**

**Paolo Bonnici Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Dan hu appell minn digriet moghti fis-16 ta’ Ottubru, 2002 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili a tenur ta’ l-Artikolu 283A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B’rikors ipprezentat fl-24 ta’ April, 2002 is-socjeta` Paolo Bonnici Limited kienet talbet li, a tenur ta’ l-Artikolu 283A tal-Kap 12, il-Prim Awla tal-Qorti Civili tirrevoka mandat ta’ sekwestru numru 812/02 mahrug kontra taghha fuq talba tas-socjeta` Blye Engineering Company Limited fil-15 ta’ April, 2002. Skond is-socjeta` rikorrenti din it-talba kellha tigi milqugha billi l-mandat kien sar b’mera vessazzjoni, partikolarment dwar l-imghaxijiet mitluba, billi s-socjeta` attrici ma gietx hekk kanonizzata bis-sentenza li qed titlob l-esekuzzjoni taghha.

In sostenn ta’ din it-talba s-socjeta` rikorrenti ssottomettiet:-
“Illi s-socjeta` esponenti giet notifikata bis-sekwestru ezekuttiv fuq indikat, fejn is-socjeta` attrici (cioe` Blye Engineering) qed tippretendi l-ammont ta' LM1670 bhala imghax ta' 8% fis-sena fuq LM3200, ghal seba’ snin u nofs bejn 24 ta’ Awissu 1994 u l-24 ta’ Frar 2002 u l-ammont ta’ LM876.10,0 skond ratizzazzjoni ta’ l-ispejjez tal-kawza.

“Illi l-pretensjoni ta’ l-imghax kif mitluba mhux dovuta u qed tigi kontestata.

“Illi, skond id-decizjoni tat-30 ta’ Marzu 2001, is-socjeta` attrici Blye Engineering Co Ltd giet kanonizzata kreditrici fl-ammont ta’ LM3200, mentri t-talba fic-citazzjoni kienet LM3450 bl-imghax u bl-ispejjez 1/10 is-socjeta` attrici u 9/10 is-socjeta` konvenuta.

“Is-sentenza ma tghidx li l-imghax jiddekorri mid-data tal-fattura 24.8.1994 kif pretiz mis-socjeta` attrici, izda semplicement tghid bl-imghax; u billi l-ammont kanonizzat hu differenti minn dak mitlub, l-imghax jiddekorri md-data tad-decizjoni.

“Is-socjeta` rikorrenti diga’ kienet giet informata bil-premess b’ittra tal-21 ta’ Marzu 2002 (Dok A), cio` nonostante fil-15 ta’ April 2002 sar il-mandat ezekuttiv fuq

imsemmi, b’rispett kollu, din l-attitudini hi vessatorja fil-konfront tas-socjeta` esponenti, li tipprotesta ruhha ghal dawn l-ispejjez li saru inutilment.

“Illi dwar l-ispejjez, skond ratizzazzjoni, fl-istess ittra (Dok A) kien gie dikjarat li dwarhom ma kienx hemm kontestatazzjoni”

B’risposta pprezentata fit-3 ta’ Mejju, 2002 is-socjeta` intimata talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, t-talba tigi michuda u li tigi konfermata l-validita` u l-korrettezza tal-mandat in kwistjoni – bl-ispejjez.

Ikun utili li hawn jigi riprodott l-korp tar-risposta tat-3 ta’ Mejju 2002 tas-socjeta` Blye Engineering billi fiha hemm esposti l-principji legali li jifformaw l-mertu tal-kwistjoni kollha u li gew konsiderati fis-sentenza appellata. Hemm jinghad hekk:
“1 Illi wara r-rikors ta’ zbank tat-28 ta’ Frar 2002, ipprezentat wara l-atti tac-Cedola ta’ Depositu numru 673/96 fl-istess ismijiet premessi, is-socjeta` Paolo Bonnici Ltd kienet gja ippruvat ghal xejn topponi l-izbank bl-istess argument ghar-rigward tal-kwistjoni ta’ l-imghax, izda din il-Qorti njorata u akkordat l-izbank.

“2. Illi, infatti, dak li qed tissottometti s-socjeta` rikorrenti huwa ghal kollox zbaljat ghaliex, jekk wiehed jara dak li talbet l-esponenti fic-citazzjoni originali (riportata fis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2001), insibu talba ghal kundanna hlas ta’ l-ammont ta’ LM3450 skond il-fattura esibita (Dok A), segwiti mill-kliem: **Bl-imghax Kummercjali.**

“3. Illi skond l-artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili “Jekk l-obbligazzjoni tkun ta’ xorta kummercjali ……. L-imghaxijiet ghandhom (fit-test Inglis: “**SHALL**”) ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.” Fil-kas taghna d-data applikabbli hija dik tal-fattura esibita bhala Dok. A, cioe` mill-24 ta’ Awissu 1994.

“4. Illi fis-sentenza taghha tat-30 ta’ Marzu 2001 (pagna 7, para. 3), din l-Onorabbli Qorti, fost ohrajn qalet hekk: “Il-

Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz, din l-eccezzjoni (i.e. "ecceptio non rite adempleti contractus") ma tapplikax billi l-ammont li l-perit tekniku kkonkluda li l-atturi ghandhom jaghtu lill-konvenut hu **MINIMU KOMPARAT MAL-VALUR TA' L-APPALT CIOE` LM250 MINN APPALT TA' LM33,500".**

"5. Illi inoltre, meta giet fil-parti deciziva tas-sentenza, il-Qorti, filwaqt li **LAQGHET IT-TALBA ATTRICI** ghas-somma ta' LM3200, ikkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lill-esponenti dan l-ammont, **BL-IMGHAX.**

"6. Illi skond ir-rikorrenti l-fatt li fis-sentenza taghha l-Qorti qalet biss "bl-imghax" u mhux "bl-imghax mid-data tal-fattura tal-24 ta' Awissu 1994" u l-ammont kanonizzat huwa differenti minn dak mitlub, allura l-imghax jiddekorri mid-data tas-sentenza.

"7. Illi, kif intqal fuq (para. 3), il-principju legali hu li obbligazzjoni kummercjali jibda jghaddi l-imghax fuqha mid-data tal-fattura. Dan ifisser li, kuntrarjament ghal dak li qed tippretendi r-rikorrenti, trid tkun decizjoni specifika u espressa tal-Qorti biex tbiddel dan il-principju. Fil-kas taghna l-Qorti qalet biss "bl-imghax", cioe` sottintis bl-imghax **SKOND IL-LIGI** u inoltre qalet car u tond li qed tilqa' t-talba attrici (hlief ghal varjazzjoni zghira fis-sorte), liema talba kienet tinkludi spcifikatament l-imghax **KUMMERCJALI,** li kif rajna jfisser li jibda jiddekorri mid-data tal-fattura esibita Dok. A, cioe` mill-**24 ta' Awissu 1994.**"

**Is-sentenza appellata.**

B'digriet moghti fis-16 ta' Ottubru, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba tar-rikorrent u fit-termini ta' l-artikolu 283A tal-Kapitolu 12, irrevokat il-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi fil-parti fejn qed jintalab l-ammont ta' LM1,670 bhala imghax u ordnat li minflok l-imghax kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza u cioe` 30 ta' Marzu, 2001 u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ir-rikorrent qed jitlob li a termini ta' l-Artikolu 283A tal-Kap 12 dina l-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru imsemmi billi l-imghax mitlub mill-intimati mhux dovut skond il-ligi stante li fis-sentenza tat-30 ta' Marzu, 2001 s-socjeta` intimata giet kanonizzata fl-ammont ta' LM3,200 u mhux LM3,450 kif talbet fic-citazzjoni u ghalhekk l-imghax jibda jiddekorri mid-data tad-decizjoni u mhux mid-data tal-fattura.

"Minn naha l-ohra l-intimati qed jissottomettu li fit-talba originali t-talba kienet ghall LM3,450 bl-imghax kummercjali. Skond l-Artikolu 1141(1) tal-Kap 16 jekk obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak inhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita. Ghalhemm fis-sentenza il-Qorti qalet biss bl-imghax, kien sottointis, bl-imghax skond il-ligi. Finalment l-intimati ssottomettew li d-differenza bejn l-ammont mitlub u dak akkordat mill-Qorti kienet ta' LM250 u wiehed ghandu jhares lejn dan l-ammont meta komparat mal-valur totali ta' l-appalt cioe` LM33,500.

"L-intimati ghamlu riferenza ghas-sentenza riportata fil-Vol LXXV p.2 p.643 Mercieca vs Nobbli S. Testaferrata Moroni Viani et 16/12/91 fejn il-Qorti kienet argumentat b'dan il-mod dwar il-principju li "In illiquidis non fit mora"

"Jekk l-attur talab il-kundanna tal-konvenut biex ihallas ammont preciz u determinat, il-pretiza ta' l-attur hija ghall-ammont cert u likwidu u l-kontestazzjoni u c-cahdiet tal-konvenut huma fatturi irrilevanti ghad-determinazzjoni ta' certezza u l-likwidita` tal-pretiza ta' l-attur. U daqstant iehor huma irrilevanti n-nomina ta' perit fil-kawza u l-kundanna fis-sentenza ghall-ammont anqas minn dak pretiz mill-kreditur attur. Fuq ammont cert u likwidu li l-kreditur attur avvanza fic-citazzjoni tieghu u ghal dik il-parti minnu li giet sanzjonata mis-sentenza jiddekorru interessi u billi l-obbligazzjoni kienet ta' natura kummercjali dawn huma regolati bl-Artikolu 1141(1) tal-Kap 16. In-nuqqas ta' kundanna fuq daqshekk fl-ewwel sentenza ma taffettwax dan l-obbligu. Biex dan jigi nieqes irid ikun espressament eskluz mis-sentenza.

**Tikkunsidra**

“Fic-citazzjoni 1996/96 GV li giet annessa, l-intimati, allura atturi, kienu talbu l-kundanna tas-socjeta` konvenuta ghas-somma ta’ LM3,450 skond fattura esebita Dok A. il-Qorti kienet iddecidiet li minn dik is-somma l-atturi kienu intitolati ghall-ammont ta’ LM3,200 biss. Ghalhekk kien irrizulta li l-ammont mitlub mill-atturi f’dik il-kawza ma kienx wiehed cert. Fil-fatt il-konvenuti kienu eccepew illi l-ammont mitlub mill-atturi ma kienx dovut peress illi l-atturi kienu inadempjenti, ghamlu x-xoghol mhux skond is-sengha u l-arti u sofrew danni. Effettivament, il-Qorti kienet qablet in parte mal-konvenuti u tat lill-atturi somma anqas minn dik li talbu.

“Illi bhala regola tapplika f’kazijiet bhal dawn, il-massima in liquidandis non fit mora u cioe` li meta l-kreditu ma jkunx likwidu, d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u minhabba f’hekk ma jkunx jista’ jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. F’kaz bhal dan, generalment, l-interessi ma jistghux jibdew jiddekorru qabel ma l-kreditu jigi likwidat u d-debitur jitpogga in mora skond l-Artikolu 1141. Dina l-massima m’ghandhiex applikazzjoni assoluta u jista` jkun hemm kazi fejn il-Qorti ma tapplikahiex, ghaliex diversament tkun qieghda taghti vantagg lid-debitur. Kaz bhal dan huwa meta l-likwidazzjoni ma tkunx tista` ssir minhabba htija tad-debitur. Fuq din il-kwistjoni kkumenta Giorgi (Teor. Obbligaz. Vol. 111 pagna 202. U ara sentenza Vol LXXXI p. I, p. 359 Schembri vs Dr L. Buhagiar 28/2/1997).

“Fil-kaz in ezami d-debitu ta’ l-intmati la kien jidher **cert** u lanqas **kien verament likwidu** fid-data meta giet prezentata c-citazzjoni. Infatti r-rikorrenti, allura konvenuti, kienu taw l-eccezzjoni li l-atturi ma kienux lestew ix-xoghol kollu, u kien hemm l-eccezzjoni ta’ intempestivita`. Meta giet prezentata c-citazzjoni ghalhekk kien hemm dubbju ragionevoli kemm il-kreditu ta’ l-atturi kien wiehed cert. Il-kontestazzjoni tal-konvenuti dwar l-intempestivita` ta’ l-azzjoni ma kienitx fil-fehma tal-Qorti xi kontestazzjoni frivola tant li kien gie nominat perit tekniku biex jisma’ l-

provi u jaghmel il-kostatazzjonijiet necessarji u l-kawza damet sejra erba' snin sakemm giet deciza.

"Il-provi li ressqu il-konvenuti ikkonvincew lill-Qorti dwar il-validita` tal-kontestazzjoni tal-konvenuti li s-somma pretiza mill-atturi ma kinitx dovuta kollha u li kienet dovuta somma anqas. **Dan ifisser li meta l-atturi illikwidaw fl-att tac-citazzjoni l-ammont li deherilhom dovut, huma ghamlu likwidazzjoni skorretta u allura kien il-kompitu tal-Qorti li tillikwida l-ammont verament dovut mill-konvenuti.**

"Lanqas ma ntwera li kien hemm xi htija li tista' tigi mputata lir-rikorrenti (konvenuti) ghal dan l-istat ta' fatt, konsegwentement isegwi li r-rikorrenti ma kienux tpoggew *in mora* bil-prezentata ta' l-imsemmija citazzjoni."

**L-appell tas-socjeta` intimata.**

Is-socjeta` intimata Blye Engineering Company Limited hasset ruhha aggravat bid-digriet fuq riportat u ghalhekk b'rikors ipprezentat fit-22 ta' Ottubru, 2002 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti appellata (Paolo Bonnici Limited) jigi michud billi jigi dikjarat li hi kellha rugun tikkomputa l-imghax dovut fuq is-sorte mid-data tal-fattura Dok. A u mhux mid-data tas-sentenza fil-meritu.

Is-socjeta` Paolo Bonnici Limited ipprezentat risposta ghar-rikors ta' l-appell imsemmi fejn talbet li dan jigi michud u li d-digriet jigi konfermat.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn, u qabel ma jigi diskuss il-mertu tal-vertenza, din il-Qorti thossha fid-dmir li taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

(A) L-Artikolu 283A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li dahal fis-sehh in forza ta' l-Att XXIV ta' l-1995, kif sussegwentement emendat bl-Att IV ta' l-1996, introduca fis-sistema procedurali nostrana d-dritt ghal min jigi rinfaccjat b'mandat ezekuttiv, li jitlob, <u>per mezz ta' rikors</u>, li

"*dak l-att esekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew <u>f'parti minnu biss</u>, ghal raguni valida skond il-ligi.*" (sottolinear ta' din il-Qorti). Issa jirrizulta "*ex admissis*" fir-rikors promotur, li ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwar l-ispejjez tal-kawza li kienu qed jintalbu fil-mandat; infatti jinghad espressament hekk: "Illi dwar l-ispejjez, skond ratizzazzjoni, fl-istess ittra (Dok A), kien gie dikjarat li dwarhom ma kienx hemm kontestazzjoni." B'dana kollu t-talba fir-rikors promotur kienet ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru fit-totalita` tieghu. Fic-cirkostanzi, u in vista` ta' dak li jinghad fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 283A, l-istess rikors kellu jigi michud immedjatament billi kien irritwali.

(B) Din il-Qorti tosserva wkoll li proceduralment l-ewwel Qorti ma mxietx korrettament kif jipprovdi l-Artikolu 283A. Infatti fis-subartikolu (2) ta' l-istess Artikolu jinghad espressament illi "*Il-Qorti ghandha <u>tappunta</u> ghas-smiegh u tisma' r-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-Artikolu, fi zmien <u>sitt ijiem mill-prezentata tar-rikors.</u>*" Mentri li gara hawn kien li r-rikors, li gie intavolat fl-24 ta' April, 2002, gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta' Gunju, 2002 u dana wara li saret in-notifika ordnata u giet intavolata r-risposta. Jigi rilevat li skond is-subartikolu (3) ta' l-istess Artikolu huwa stabbilit li t-terminu ghall-prezentata tar-risposta jiskadi mad-data ta' l-ewwel appuntament ghas-smigh tar-rikors u mhux ma xi terminu iehor li jista` jigi akkordat arbitrarjament mill-Qorti li quddiemha jkun ingab ir-rikors.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Dwar il-meritu tal-kwestjoni din il-Qorti tirravviza certa konfuzjoni dwar x'ghandhom ikunu l-effetti ta' l-obbligazzjoni naxxenti mill-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Jigi osservat li dan l-Artikolu, li jitkellem dwar minn meta jibdew jiddekorru l-imghaxijiet dovuti in linea ta' danni minhabba inadempjenza ta' l-obbligat meta l-obbligazzjoni tkun dwar hlas ta' flus a tenur ta' l-Artikolu 1139, jaghmel distinzjoni netta bejn obbligazzjonijiet ta' natura kummercjali u dawk l-obbligazzjonijiet l-ohra li ma humiex ta' natura kummercjali. Dawn is-sitwazzjonijiet, in effetti, huma kunsidrati taht zewg subartikoli separati. Fis-subartikolu (1) ta' l-istess Artikolu, li jikkontempla obbligazzjonijiet ta' natura kummercjali, hemm dispost

espressament li "*l-imghaxijiet* <u>*ghandom*</u> *ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.*" Mentri f'kull kaz iehor (subartikolu (2)) "*l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi* <u>*issir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju*</u> ….." Jidher ghalhekk minn dan li, f'obbligazzjonijiet ta' natura kummercjali, ma huwiex mehtieg li d-debitur ossia l-obbligat jitqieghed **in mora**. L-ezistenza ta' l-obbligazzjoni u d-dewmien fl-esekuzzjoni taghha jaghtu dritt immedjatament ghall-hlas ta' imghaxijiet in linea ta' danni. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem x'riedet tghid l-ewwel Qorti meta, fil-parti konkluziva tal-konsiderazzjonijiet taghha, qalet "konsegwentement isegwi li r-rikorrenti ma kienux tpoggew *in mora* bil-presentata ta' l-imsemmija citazzjoni."

Minn dan isegwi li, peress li l-obbligazzjoni hija wahda ta' natura kummercjali, mhux relevanti l-kliem li intuzaw fis-sentenza billi l-imghax "ex lege" dejjem kellu jigi komputat mid-data ta' meta inholqot l-obbligazzjoni u cioe` mid-data tal-fattura.

Jibqa' li jigi ezaminat issa jekk id-differenza bejn dak li intalab u dak li gie akkordat kellux jkollu effett fuq il-kwistjoni ta' minn meta kellhom jibdew ighaddu l-imghaxijiet. Fid-digriet appellat l-ewwel Qorti dehrilha li l-ammont dovut ma kienx likwidu u ghalhekk, a tenur tal-principju "in illiquidis non fit mora" l-imghaxijiet kellhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza u cioe` minn meta l-ammont dovut gie determinat.

Biex waslet ghal din il-konkluzzjoni l-ewwel Qorti invertiet il-kwistjoni billi, minflok adottat dak li gie rilevat fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif dak inhar komposta, fil-kawza "Mercieca vs Nobbli Salvinu Testaferrata Moroni Viani" (citata fid-digriet appellat), u b'hekk harset lejn it-talba attrici biex tiddetermina n-natura tat-talba, fejn certament kienet tinduna li l-ammont kien wiehed cert u likwidu, l-istess Qorti ikkoncentrat fuq l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u waslet ghall-konkluzjoni, fid-digriet appellat, li la darba irrizulta bhala dovut ammont anqas minn dak mitlub, allura t-talba ma setghetx tkun ghal ammont likwidu. Din il-konkluzjoni hija diametrikament opposta

ghal dak li gie ritenut fis-sentenza fuq imsemmija fejn intqal li "*Jekk l-attur talab il-kundanna tal-konvenut biex ihallas ammont preciz u determinat, il-pretiza ta' l-attur hija ghall-ammont cert u likwidu u l-kontestazzjoni u c-cahdiet tal-konvenut huma fatturi irrilevanti ghad-determinazzjoni ta' certezza u l-likwidita` tal-pretiza ta' l-attur.*" Mhux talli hekk biss talli, fl-imsemmija sentenza jinghad espressament, u dan kontra dak li gie ritenut fid-digriet appellat, li "*U daqstant iehor huma rrilevanti n-nomina ta' perit fil-kawza u l-kundanna fis-sentenza ghall-ammont anqas minn dak pretiz mill-kreditur attur*."

Il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti donna mhux biss ixxejjen dak li hu generalment accettat fil-gurisprudenza u cioe` li hija t-talba u mhux l-eccezzjoni li tiddetermina l-azzjoni, talli donna hemm sottointiz li biex jiddekorru l-imghaxijiet mid-data ta' l-obbligazzjoni jrid ikun hemm ammissjoni da parti tal-konvenut inkwantu kull eccezzjoni tirrendi l-ammont reklamat illikwidu. Dan il-hsieb ukoll imur kontra il-kuncett li f'obbligazzjonijiet ta' natura kummercjali l-ispeditezza tal-proceduri hija konsiderazzjoni ewlenija sew minhabba l-fatt li dewmien jista` jkun pregudizjevoli ghall-attur, sew minhabba l-fatt li l-imghax jiddekorri mid-data ta' l-obbligazzjoni.

Finalment din il-Qorti tosserva li l-kompitu ta' dik il-Qorti li tkun adita b'talba a tenur ta' l-Artikolu 283A, huwa cirkoskritt b'dak li jinghad fis-subartikolu (1) ta' l-istess Artikolu u cioe` li t-thassir ta' l-att esekuttiv ghandu jkun "ghal raguni valida skond il-ligi." Mhuwiex, ghalhekk il-kompitu ta' dik il-Qorti li tinterpreta s-sentenza li a bazi taghha inhareg il-mandat ezekuttiv. Dik is-sentenza, la darba tkun finali, taghmel stat bejn il-partijiet u l-ebda qorti ma tista' tbiddilha hlief bil-mezz u ghar-ragunijiet kontemplati fl-istitut ta' ritrattazzjoni.

Dan qed jinghad billi jidher car li fis-sentenza li tat lok ghal hrug tal-mandat esekuttiv, l-istess Qorti li ippronunzjata, dahlet fil-kwistjoni u ddecidied l-eccezzjoni ta' l-inadempjenza kuntrattwali meta osservat li "*Il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz, din l-eccezzjoni (i.e. 'ecceptio non rite adempleti contractus') ma tapplikax billi l-ammont li l-perit*

*tekniku kkonkluda li l-atturi ghandhom jaghtu lill-konvenut hu minimu komparat mal-valur ta' l-appalt cioe` LM250 minn appalt ta' LM33,500.*" Kif setghet allura fid-digriet appellat il-Qorti tuza din il-figura ta' LM250, biex tiggustifika l-konkluzjoni taghha li l-ammont ma kienx likwidu minhabba l-inadempjenza tas-socjeta` appellanti, meta osservat li "*Il-kontestazzjoni tal-konvenuti dwar l-intempestivita` ta' l-azzjoni ma kienitx fil-fehma tal-Qorti xi kontestazzjoni frivola tant li kien gie nominat perit tekniku biex jisma l-provi u jaghmel il-kostatazzjonijiet necessarji u l-kawza damet sejra erba' snin sakemm giet deciza*"? Bil-kontestazzjoni tas-socjeta` konvenuta fil-kawza deciza fit-30 ta' Marzu, 2001 filwaqt li l-istess socjeta` debitrici giet avvantaggjata b'ammont redikolu ta' LM250 fuq kuntratt ta' LM33,500, l-istess kontestazzjoni, fil-fehma ta' l-ewwel Qorti kienet sufficjenti li ttellef lis-socjeta` kreditrici s-somma ta' LM1,670 in linea ta' imghax dovut a tenur tal-ligi. Hawn jidher li huwa kaz ta' dewmien fi proceduri gudizzjarji li jivvantagga lill-obbligat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tirrevoka d-digriet fuq imsemmi u tichad it-talba kif migjuba fir-rikors tal-24 ta' April 2002, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` rikorrenti appellata cioe` kontra s-socjeta` Paolo Bonnici Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------